# L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali (IPPI): Ottubru 2024

NR 229/2024 Data tal-Ħruġ: 29 ta' Novembru 2024 Data tal-Għeluq: 25 ta' Novembru 2024

*F'Ottubru 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali rreġistra tnaqqis ta' 1.2 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023.*



**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel ma' Ottubru 2023, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'1.2 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti intermedji naqsu b'5.7 fil-mija. Min-naħa l-oħra, kienu rreġistrati żidiet fl-oġġetti kapitali (3.2 fil-mija) u fl-oġġetti tal-konsum (0.7 fil-mija). Ma kienx hemm tibdil fil-prezz fis-settur tal-enerġija.

Il-prezzijiet tal-produtturi industrijali għas-suq domestiku żdiedu b'0.7 fil-mija. Kienu rreġistrati żidiet fl-oġġetti tal-konsum (2.3 fil-mija), fl-oġġetti intermedji (0.6 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (0.2 fil-mija).

Il-prezzijiet mhux domestiċi naqsu bi 3.2 fil-mija. Il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro u dawk maħsuba għaż-Żona tal-Ewro naqsu b'5.2 fil-mija u b'0.4 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 2).

**Tqabbil max-xahar ta' qabel**

F'Ottubru 2024, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali naqas b'0.2 fil-mija meta mqabbel ma' Settembru 2024. Kien irreġistrat tnaqqis fl-oġġetti intermedji (0.7 fil-mija) u fl-oġġetti kapitali (0.1 fil-mija). Għall-kuntrarju ta' dan, kien hemm żieda ta' 0.3 fil-mija fl-oġġetti tal-konsum. Ma kien hemm l-ebda tibdil fil-prezzijiet fil-qasam tal-enerġija.

Il-prezz totali tas-suq domestiku tela' b'0.1 fil-mija minħabba żieda ta' 0.6 fil-mija fl-oġġetti tal-konsum. Min-naħa l-oħra, l-oġġetti intermedji naqsu b'0.1 fil-mija. Ma kien irreġistrat l-ebda tibdil fil-prezzijiet fis-setturi tal-enerġija u tal-oġġetti kapitali.

Il-prezzijiet mhux domestiċi naqsu b'0.4 fil-mija. Kemm il-prezzijiet tal-oġġetti maħsuba għaż-Żona tal-Ewro kif ukoll dawk maħsuba għaż-Żona mhux tal-Ewro naqsu wkoll b'0.4 fil-mija (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Produtturi Industrijali

(2021=100) għall-industrija kollha

